MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Numru. 225/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**EMANUEL AZZOPARDI**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 528655M.

## Akkuzat talli:

Fit-tlieta (3) ta` Marzu, 2013, ghal habta tas-sebgha nieqes hamsa ta` filghaxija (18:50hrs) fil-Hamrun:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` dak ta` offiza gravi fuq il-persuna ta` Carmen Micallef aggravat a bazi ta` twemmin jew opinjoni politika, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. Ikkaguna offiza ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Carmen Micallef, liiema delitt huwa aggravat jew motivat a bazi ta` twemmin jew opinjoni politika;

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Carmen Micallef biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra il-persuna ta` membri tal-familja taghha;
4. Bil-kliem ingurja jew hedded lil Carmen Micallef u/jew membri tal-familja taghha;

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. Qal fil-pubbliku kliem oxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Il-Qorti giet gentilment, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna / i offizi u cioe` Carmen Micallef u l-familjari taghha, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna / i imsemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza` ta` vjolenza, tohrog ordni ta` protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta` Malta u f'kaz ta` htija, il-Qorti giet mitluba wkoll biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna / i offizi.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 216, 83B, 221 (1), 251B, 339 (1) (e), 338 (dd), 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------